**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 263/02**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Ian Abdilla)**

**Vs**

**Robert Azzopardi**
**-Omissis-**

**Illum 11 ta' Novembru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' Robert Azzopardi, iben il-mejtin Saviour u Dolores neè Pirotta, imwieled Ħal Balzan fit-2 ta' Jannar 1960 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 142160(M), talli f'dawn il-Gżejjer bejn Ottubru 2001 u Jannar 2002, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioè ċekkijiet ta' l-H.S.B.C. li jappartjenu lil C.R. Ltd., billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi jew daħħal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
2. Kif ukoll talli għamel xjentement użu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;
3. U aktar talli fl-istess żmien, iffalsifika ċedola, polza, ordni jew dokumenti oħra, illi meta jiġu ppreżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;
4. U xjentement għamel użu minnhom;
5. U aktar talli fl-istess żmien, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa

b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, setgħa, ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex jqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ b'qerq ta' aktar minn Lm1,100 (illum ekwivalenti għal €2,562.31) għad-dannu ta' Mario Cini u persuni oħra;
6. U aktar talli xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa jew meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod ieħor li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew jmexxihom, liema oġġetti ġew mir-reat ta' serq;

Rat id-dokumenti markati Dok. "IA1" u Dok. "IA2" a fol. 43 u 44 tal-proċess;

Rat li fit-30 ta' Mejju 2005[1] l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu;

Rat u kkunsidrat it-traskrizzjoni tax-xhieda ta' l-Ispettur (illum Assistent Kummissarju) Ian Abdilla mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Mejju 2005[2] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "IJ2" sa' Dok. "IJ10" a fol. 50a sa' 75 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Mario Cini[3] u ta' Audrey Ghigo[4], in rappreżentanza ta' l-HSBC Bank Malta p.l.c., mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Marzu 2006 u rat id-dokumenti a fol. 100 sa' 103 tal-proċess.

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 16 ta' Frar 2006[5] li permezz tagħha bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub taħt:

- L-Artikoli 18 u 183 tal-Kodiċi Kriminali;
- L-Artikoli 18 u 184 tal-Kodiċi Kriminali;
- L-Artikoli 18 u 167 tal-Kodiċi Kriminali;
- L-Artikoli 18 u 169 tal-Kodiċi Kriminali;
- L-Artikoli 18, 308 u 310 tal-Kodiċi Kriminali;
- L-Artikoli 18 u 334 tal-Kodiċi Kriminali;

Rat li b'Digriet datat 25 ta' Marzu 2014[6] dawn il-proċeduri ġew differiti *sine die*;

Rat li b'Digriet datat 27 ta' Marzu 2018[7] il-proċeduri ġew ri-appuntanti għas-smigħ għall-15 ta' Mejju 2018;
Rat li fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2018[8] kien hemm is-separazzjoni tal-ġudizzju bejn l-imputat Robert Azzopardi u imputat ieħor li oriġinarjament kien tressaq flimkien miegħu u akkużat bl-istess akkużi w akkużi oħra dedotti fil-konfront tiegħu biss u mhux ukoll fil-konfront ta' l-imputat odjern;

[1] Fol. 46 tal-proċess.
[2] Fol. 47 sa' 49 tal-proċess.
[3] Fol. 98 u 99 tal-proċess.
[4] Fol. 104 u 105 tal-proċess.
[5] Fol. 96 u 97 tal-proċess.
[6] Fol. 133 tal-proċess.
[7] Fol. 134 tal-proċess.
[8] Fol. 137 tal-proċess.

Rat li waqt is-seduta tal-21 ta' Jannar 2019[9], wara li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq, u wara li l-Qorti staqsiet lill-imputat jekk għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jitmexxa bi proċedura sommarja u huwa ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, inqraw l-Artikoli;

Rat ir-Rikors ippreżentat mill-imputat fit-22 ta' Jannar 2019[10] permezz ta' liema talab li l-istqarrijiet mogħtija minnu w esebiti fl-atti ta' dawn il-proċeduri jiġu sfilazati mill-atti proċesswali;

Rat li b'Digriet datat 25 ta' April 2019[11], it-talba ta' l-imputat ġiet miċħuda bir-riserva li 'l quddiem u fl-istadju opportun tal-proċeduri, fil-konsiderazzjonijiet Tagħha l-Qorti tosserva u tapplika l-prinċipji enunċjati u ċitati fid-Digriet;

Rat li waqt is-seduta tat-8 ta' Ottubru 2020[12], l-imputat irreġistra ammissjoni għall-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena u ħadet konjizzjoni tas-sottomissjoni ta' entrambe l-partijiet kontendenti li minħabba l-involviment marġinali ta' l-imputat f'dan il-każ, kif ukoll minħabba t-trapass ta' żmien u l-fatt li l-imputat qatt ma reġa' xellef diffrejħ mal-ġustizzja, piena karċerarja effettiva jew sospiza ma tkunx piena idoneja. Ħadet konjizzjoni wkoll tas-sottomissjoni ulterjuri li l-imputat ma għandux problemi ta' abbuż ta' sustanzi jew alkohol u lanqas għandu problema ta' logħob u li dan kien każ ta' darba li qatt ma reġa' rrepeta ruħu;

Rat il-fedina penali aġġornata ta' l-imputat a fol. 158 sa' 160 tal-proċess;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli f'dawn il-Gżejjer bejn Ottubru 2001 u Jannar 2002, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioè ċekkijiet ta' l-H.S.B.C. li jappartjenu lil C.R. Ltd., billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi jew daħħal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; (2) kif ukoll talli għamel xjentement użu mill-istess att, kitba jew skrittura falza; (3) u aktar talli fl-istess żmien, iffalsifika ċedola, polza, ordni jew dokumenti oħra, illi meta jiġu ppreżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku jew minn

[9] Fol. 141 tal-proċess.
[10] Fol. 142 tal-proċess.
[11] Fol. 145 sa' 147 tal-proċess.
[12] Fol. 156 tal-proċess.

bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern; (4) u xjentement għamel użu minnhom; (5) u aktar talli fl-istess żmien, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, setgħa, ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex jqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ b'qerq ta' aktar minn Lm1,100 (illum ekwivalenti għal €2,562.31) għad-dannu ta' Mario Cini u persuni oħra; (6) u aktar talli xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa jew meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod ieħor li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew jmexxihom, liema oġġetti ġew mir-reat ta' serq.

Bin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 16 ta' Frar 2006, l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub taħt:

- L-Artikoli 18 u 183 tal-Kodiċi Kriminali;
- L-Artikoli 18 u 184 tal-Kodiċi Kriminali;
- L-Artikoli 18 u 167 tal-Kodiċi Kriminali;
- L-Artikoli 18 u 169 tal-Kodiċi Kriminali;
- L-Artikoli 18, 308 u 310 tal-Kodiċi Kriminali;
- L-Artikoli 18 u 334 tal-Kodiċi Kriminali.

Waqt is-seduta tal-21 ta' Jannar 2019, wara li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq, u wara li l-Qorti staqsiet lill-imputat jekk għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jitmexxa bi proċedura sommarja u huwa ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, inqraw l-Artikoli.

Oriġinarjament l-imputat kien wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu iżda imbagħad fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2020, l-imputat irreġistra ammissjoni għall-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu.

Fid-dawl ta' tali ammissjoni u anke fid-dawl tax-xhieda prodotti tul is-smigħ tal-proċeduri, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu u senjatament ħati tar-reati kontemplati fl-Artikoli kollha indikati mill-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tiegħu datata 16 ta' Frar 2006.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti, filwaqt li qieset u kkunsidrat in-natura tar-reati addebitati lill-imputat u minnu ammessi, liema reati twettqu bejn Ottubru 2001 u Jannar 2002, ossia diversi snin ilu, ħadet in konsiderazzjoni wkoll is-sottomissjoni konġunta tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża li minħabba l-involviment marġinali ta' l-imputat f'dan il-każ, kif ukoll minħabba t-trapass ta' żmien piena karċerarja effettiva jew sospiża ma tkunx piena idoneja. Ħadet konjizzjoni wkoll tas-sottomissjoni ulterjuri li l-imputat ma għandux problemi ta' abbuż ta' sustanzi jew alkohol u lanqas għandu problema ta' logħob u li dan kien każ ta' darba li qatt ma reġa' rrepeta ruħu. Ħadet in konsiderazzjoni l-fedina penali aġġornata ta' l-imputat li għalkemm mhux waħda netta jirriżulta li r-reati hemm indikati seħħew diversi snin ilu u ma humiex

ta' natura tali li jirrispekkjaw jew huma simili jew identiċi għar-reati mertu tal-proċeduri odjerni.

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 18, 167, 169, 183, 184, 308, 310 u 334 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ttenni li qed issib lill-imputat ħati ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu iżda peress illi fil-fehma Tagħha fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ fejn, minkejja n-natura tar-reati addebitati lil u ammessi mill-imputat, l-involviment tiegħu kien wieħed marġinali, u fid-dawl tal-karattru ta' l-imputat li minn dakinhar tat-twettiq tar-reati mertu ta' dawn il-proċeduri qatt ma reġa' wettaq reati simili jew ta' l-istess natura bħal dawk formanti il-mertu tal-proċeduri odjerni tant illi jidher biċ-ċar li l-każ odjern kien każ iżolat u ta' darba, kif ukoll fid-dawl tat-trapass taż-żmien, ma huwiex spedjenti li timponi fuq l-imputat piena karċerarja effettiva jew sospiża u ma huwiex il-każ li l-imputat jitqiegħed taħt Ordni ta' Probation jew Ordni ta' Servizz fil-Komunità jew Ordni ta' Probation u Servizz fil-Komunità, a tenur ta' l-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor matul il-perijodu ta' sentejn (2) dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tfihem lill-imputat bi kliem li jiftiehem sew, illi jekk huwa jagħmel reat ieħor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata hawn impost, ossia matul il-perijodu ta' sentejn (2) mid-data ta' din is-sentenza, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**